MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Numru 712/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Saviour Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Saviour Azzopardi ta’ 27 sena bin Saviour u Annunziata nee Azzopardi imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Frar 1980 u joqghod 92, Triq Claire E. Engel San Giljan, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 128080(M) gie akkuzat talli:

Fis-7 t’ April 2007 f’Birkirkara ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-imsimijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ numru ta’ DVDs, ai termini ta’ l-arikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini, ai termini ta’ l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli sar recidiv b’sentenza datata 25 ta’ Jannar 2007 moghtija mil-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai termini ta’ l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MC3 u nnutat li l-imputat Saviour Azzopardi m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 298(1), 298B, 49 u 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Saviour Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imputat Saviour Azzopardi ghall-piena komplessiva ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) multa.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti formalment bhala Dok. MC7 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza.

Tordna ukoll li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi ghandu fi zmien ghaxar (10) t'ijiem millum jghaddi materjalment lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) l-oggetti esebiti formalment bhala Dok. MC7 ghal fini li ssir tali distruzzjoni.

Finalment tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------